



**Protezzjoni u appoġġ lill-vittmi tal-kriminalità matul il-pandemija tal-COVID-19 - skambju ta' prattiki tajba dwar kif jiġu ttrattati l-vittmi tal-vjolenza domestika, taċ-ċiberkriminalità u tar-reati ta' mibegħda**

**(Informazzjoni miġbura mid-DĠ JUST)**

**DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABILITÀ:** Dan id-dokument jiġbed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni tal-vittmi tal-kriminalità matul il-pandemija tal-COVID-19 u jippreżenta xi eżempji ta' prattiki tajba. Il-miżuri ppreżentati jservu ta' eżempji mhux eżawrjenti u huma inklużi biss għall-fini ta' informazzjoni. Dan id-dokument ġenerali bl-ebda mod mhuwa vinkolanti fuq l-Istati Membri jew lill-Kummissjoni Ewropea. Din id-dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà żżid mad-dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà ġenerali disponibbli hawn [https://e-justice.europa.eu/content\\_legal\\_notice-365-mt.do?init=true](https://e-justice.europa.eu/content_legal_notice-365-mt.do?init=true).

Il-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi hija kwistjoni urġenti matul il-pandemija tal-COVID-19. B'mod partikolari, is-sitwazzjoni tal-vittmi tal-vjolenza domestika hija aggravata bit-tbeġħid soċjali u l-iżolament matul perjodi ta' konfinament.

L-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu miżuri speċjali ta' appoġġ u protezzjoni għall-vittmi tal-vjolenza domestika fl-iskemi tal-emerġenza tal-COVID-19 nazzjonali tagħhom. B'mod partikolari, huwa kruċjali li jiġi żgurat aċċess effettiv għal servizzi ta' appoġġ online u offline, inkluża għajjnuna psikoloġika u servizzi soċjali oħrajn. Huwa kruċjali wkoll li tiġi żgurata l-protezzjoni fiżika ta' dawn il-vittmi.

Diversi strumenti tal-midja rrapportaw żieda allarmanti fil-vjolenza domestika fl-Ewropa matul il-pandemija tal-COVID-19. Pereżempju, fi Franza, ir-rapporti ta' vjolenza domestika żdiedu bi 32 %<sup>1</sup>. Fi Spanja, in-numru tal-emerġenza għall-vjolenza domestika rċieva 18 % aktar sejħiet fl-ewwel ġimagħtejn ta' konfinament milli fl-istess perjodu xahar qabel<sup>2</sup>. Fil-Belġju, is-servizz ta' smiġħ tal-assoċjazzjoni kontra l-vjolenza fil-familja u l-esklużjoni<sup>3</sup> (Collectif contre les violences familiales et l'exclusion) irrapporta li s-sejħiet żdiedu bi tliet darbiet.

Il-Kummissjoni ppubblikat informazzjoni dwar l-appoġġ għall-vittmi tal-vjolenza domestika fuq paġna apposta tal-COVID-19<sup>4</sup>. L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ħoloq

<sup>1</sup>Is-sommarju ta' politika tal-Lobby Ewropew tan-Nisa

([https://womenlobby.org/IMG/pdf/ewl\\_policy\\_brief\\_on\\_covid-19\\_impact\\_on\\_women\\_and\\_girls-2.pdf](https://womenlobby.org/IMG/pdf/ewl_policy_brief_on_covid-19_impact_on_women_and_girls-2.pdf))

<sup>2</sup><https://www.nytimes.com/2020/04/06/world/coronavirus-domestic-violence.html>

<sup>3</sup><https://www.bbc.com/news/world-europe-52216966>

<sup>4</sup>[https://e-justice.europa.eu/content\\_impact\\_of\\_the\\_covid19\\_virus\\_on\\_the\\_justice\\_field-37147-mt.do](https://e-justice.europa.eu/content_impact_of_the_covid19_virus_on_the_justice_field-37147-mt.do)

paġna ta' COVID-19 li tinkludi informazzjoni għall-vittmi ta' vjolenza sessista<sup>5</sup>. Il-Kunsill tal-Ewropa wkoll għandu paġna ddedikata dwar id-drittijiet tan-nisa u l-pandemija tal-COVID-19<sup>6</sup>. L-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi, bħal Victim Support Europe, ukoll qed jistabbilixxu paġni dedikati dwar il-COVID-19<sup>7</sup>.

Hawn taħt jingħataw xi eżempji ta' prattiki tajba dwar kif wieħed jiżgura l-appoġġ u l-protezzjoni għall-vittmi tal-vjolenza domestika matul is-sitwazzjoni pandemika. Din il-lista mhijiex eżawrjenti.

### **Kif tikkomunika mal-vittmi waqt is-sitwazzjoni pandemika?**

L-Istati Membri huma mħeġġa *jiżviluppaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni*, biex jiżguraw li l-vittmi tal-vjolenza domestika jkollhom l-informazzjoni meħtieġa dwar is-servizzi li jistgħu jaċċessaw għall-protezzjoni u l-appoġġ f'każ ta' emerġenza. Diġà qed isiru kampanji bħal dawn f'diversi Stati Membri<sup>8</sup>. Huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat li dawk il-persuni li jistgħu jkunu f'kuntatt mal-vittmi ta' vjolenza domestika fi żmien il-konfinament ikunu f'pożizzjoni li jinfurmawhom dwar l-appoġġ u l-protezzjoni disponibbli. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-ħaddiema tas-saħħa, (inklużi l-ispiżjara), lill-ħaddiema tas-supermarkets jew lill-ħaddiema postali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-uffiċjali tal-pulizija jkunu partikolarment viġilanti għall-każijiet li jkunu diġà ġew irrapportati u għall-każijiet ġodda ta' vjolenza domestika.

L-informazzjoni dwar is-siti web online u l-linji telefoniċi għall-għajnuna eżistenti dwar l-appoġġ għall-vittmi tal-vjolenza domestika jenħtieġ li tkun mifruxa ħafna. Pereżempju, informazzjoni dwar l-eqreb servizzi ta' appoġġ għall-vittmi tal-vjolenza domestika: <https://www.wave-network.org/find-help/>.

### **Kif tirrapporta reat?**

Matul iż-żmien ta' konfinament, il-vittmi tal-vjolenza domestika jrid ikollhom il-possibbiltà li jirrapportaw reat b'mod faċli. Dan irid jinkludi wkoll modi sempliċi biex wieħed jikkuntattja u jallerta lill-pulizija, bħal messaġġi testwali jew chats online, u l-użu ta' diskors kodifikat mat-tobba, mal-ispiżjara jew mal-ħaddiema tal-posta. Huwa essenzjali li s-sistemi tal-ġustizzja jkomplu jaħdmu matul il-pandemija biex ikun żgurat li dawk li jabbużaw ikompli jiġu pproċessati u li dawk li jkunu kkundannati b'vjolenza kontra n-nisa jinżammu f'detenzjoni, jekk ikun meħtieġ. Is-sospensjoni jew id-dewmien tal-proċeduri tal-qorti jistgħu jikkawżaw tbatija sinifikanti lill-vittmi. Huwa importanti li jiġi żgurat li jibqgħu jinħarġu digriet ta' esklużjoni f'emerġenza, digriet ta' trażżin u ta' protezzjoni kontra l-awturi minkejja l-miżuri ta' konfinament (pereżempju Franza).

*Eżempji ta' prattiki tajba dwar kif jitjiebu l-komunikazzjoni mal-vittmi u r-rappurtar dwar il-kriminalità jinkludu dawn li ġejjin:*

<sup>5</sup> <https://eige.europa.eu/covid-19-and-gender-equality/gender-based-violence>

<sup>6</sup> <https://www.coe.int/en/web/genderequality/women-s-rights-and-covid-19>

<sup>7</sup> <https://victimsupport.eu/covid-19-information/>

<sup>8</sup> Pereżempju fi Franza, l-Italja, il-Portugall, Spanja

- Fi Spanja u fi Franza, tnedew kampanji ta' informazzjoni biex jirreklamaw il-mekkaniżmi ta' twissija għan-nisa biex ifittxu l-għajnuna fl-ispiżeriji.
- Fl-Irlanda, is-servizzi tal-pulizija qed jikkomunikaw ma' eks vittmi tal-vjolenza domestika biex jiżguraw il-benesseri tagħhom.
- Fil-Ġermanja, ġie ppubblikat "kitt ta' sopravivenza" dwar kif wieħed jevita l-vjolenza.

### **Kif jiġu organizzati l-appoġġ u l-protezzjoni?**

Huwa importanti ħafna li fil-pjanijiet ta' tħejjija u ta' reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 jiġu inklużi s-servizzi essenzjali biex jindirizzaw il-vjolenza domestika, dawn is-servizzi jiġu ffinanzjati, u jiġu identifikati modi biex dawn isiru aċċessibbli fil-kuntest tal-miżuri tat-tbeggħid soċjali. L-Istati Membri huma mħeġġa jiddikjaraw iċ-ċentri ta' akkoljenza bħala servizzi essenzjali, jistabilixxu sistemi ta' twissija ta' emerġenza fl-ispiżeriji u fil-ħwienet tal-merċa u joħlqu modi sikuri għan-nisa biex ifittxu appoġġ. L-Istati Membri huma mħeġġa jżommu ċentri ta' akkoljenza u akkomodazzjoni ta' emerġenza disponibbli għan-nisa u t-fal kollha li jkollhom bżonn iħallu djarhom għall-protezzjoni, u biex jiffaċilitaw l-aċċess għal dawn is-servizzi.

Jenħtieġ li l-ebda vittma ma tħossha skoraġġata milli tikkuntattja s-servizzi ta' appoġġ minħabba l-pandemija.

Barra minn hekk, jenħtieġ li l-faċilitajiet tas-saħħa jidentifikaw u jipprovdu informazzjoni dwar is-servizzi disponibbli lokalment għall-vittmi tal-vjolenza domestika. Skont il-parir tad-WHO, l-użu tas-Saħħa elettronika (e-Health) u t-telemediċina biex tiġi indirizzata b'mod sikur il-vjolenza kontra n-nisa jridu jiġu esplorati mingħajr dewmien.

Huwa essenzjali li l-Istati Membri jiżguraw finanzjament u investiment biżżejjed f'servizzi online u f'servizzi ta' appoġġ. Il-kuntatt diġitali mal-vittmi se jkun importanti ħafna matul dan iż-żmien, iżda jista' jkun diffiċli għall-vittmi li jċemplu waqt li jkunu għadhom jgħixu flimkien ma' dawk li jabbużawhom. Huwa vitali li jiġi żgurat li l-hotlines joffru servizzi online permezz ta' chat jew messaġġi testwali biex jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jfittxu l-għajnuna mid-dar<sup>9</sup>. Il-pandemija tal-COVID-19 tista' tkun opportunità biex jitwaqqfu strutturi sostenibbli li jiproteġu n-nisa mill-vjolenza<sup>10</sup>.

Ara l-eżempji ta' hawn taħt ta' prattiki tajba għall-vittmi ta' vjolenza domestika matul il-COVID-19:

### ***L-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi jiġu inklużi fl-iskemi nazzjonali ta' emerġenza kontra l-pandemiji***

- *Il-vittmi tal-vjolenza domestika jitħallew ifittxu l-għajnuna mis-servizzi ta' appoġġ.* Fl-Italja, in-nisa li huma vittmi ta' vjolenza domestika jitħallew johlorgu minn

<sup>9</sup> <https://time.com/5803887/coronavirus-domestic-violence-victims/>

<sup>10</sup> <https://www.preventionweb.net/experts/oped/view/71320>

djarhom u jmorru għand l-eqreb servizz ta' appoġġ, mingħajr ma jiġu rrapportati u sanzjonati mill-awtoritajiet tal-pulizija talli kisru l-miżuri stretti ta' konfinament<sup>11</sup>.

- *L-appoġġ u l-protezzjoni għall-vittmi tal-vjolenza domestika jiġi dikjarat servizz essenzjali.* Fi Spanja, is-servizzi għall-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-vjolenza domestika huma ddikjarati servizz essenzjali sabiex ikunu jistgħu jibqgħu jiffunzjonaw.
- *Titwaqqaf “umbrella ta' protezzjoni soċjali” għaċ-ċentri ta' akkoljenza tan-nisa u l-infrastruttura ta' konsulenza għan-nisa.* Fil-Ġermanja, il-pakkett ta' assistenza tal-gvern rigward il-protezzjoni soċjali jinkludi strumenti li lill-fornituri tas-servizzi soċjali jipprovdulhom protezzjoni finanzjarja kontra l-coronavirus, li espliċitament joħlqu xbieki ta' sikurezza għall-faċilitajiet ta' protezzjoni kontra l-vjolenza<sup>12</sup>.
- *Jiżdied il-finanzjament.* FI-Awstrija, in-nisa u l-bniet milquta mill-vjolenza fi żminijiet ta' kriżi jingħataw sostenn finanzjarju<sup>13</sup>. Fi Franza, ġie direttament assenjat miljun euro lis-servizzi ta' appoġġ kontra l-vjolenza domestika.

### **Diġitalizzazzjoni**

- *Jinħoloq servizz ta' posta elettronika / servizz ta' web-chat / linja telefonika għall-għajjnuna (helpline) għall-vittmi tal-vjolenza domestika.* Fil-Portugall, inħoloq servizz tal-posta elettronika biex iwieġeb għall-mistoqsijiet u għat-talbiet għal appoġġ relatati mal-vjolenza domestika<sup>14</sup>. FI-Awstrija, il-gvern introduċa linja telefonika għall-għajjnuna 24 siegħa kuljum għall-vittmi tal-vjolenza sessista<sup>15</sup>. Fil-Ġermanja, il-linja telefonika għall-għajjnuna lill-vittmi tal-vjolenza domestika għadha tipprovi konsulenza 24 siegħa kuljum fi 18-il lingwa. L-informazzjoni dwar il-linji telefoniċi għall-għajjnuna tal-Istati Membri għall-vittmi tal-vjolenza hija disponibbli fuq [https://eige.europa.eu/sites/default/files/helplines\\_web\\_final\\_17042020.png](https://eige.europa.eu/sites/default/files/helplines_web_final_17042020.png).
- *Jiġu żviluppati applikazzjonijiet mobbli speċjali.* FI-Italja, ġiet żviluppata applikazzjoni speċjali sabiex in-nisa jingħataw l-opportunità li jikkuntattjaw minnufih lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi<sup>16</sup>.

### **Tiġi involuta s-soċjetà ċivili**

- *Jingħataw soluzzjonijiet alternattivi għaċ-ċentri ta' akkoljenza sabiex il-vittmi tal-vjolenza domestika jkun jistgħu jgħaddu ż-żmien ta' kwarantana fis-sigurtà.* F'diversi Stati Membri, il-gvernijiet jissussidjaw kmamar f'lukandi fejn il-vittmi jistgħu

<sup>11</sup> [https://www.repubblica.it/cronaca/2020/03/21/news/elena\\_bonetti\\_se\\_subite\\_violenza\\_chiedete\\_aiuto\\_andate\\_al\\_centro\\_antiviolenza\\_e\\_nessuno\\_vi\\_multera\\_-251867069/?ref=RHPPLF-BH-I251880435-C8-P3-S1.8-T1&refresh\\_ce](https://www.repubblica.it/cronaca/2020/03/21/news/elena_bonetti_se_subite_violenza_chiedete_aiuto_andate_al_centro_antiviolenza_e_nessuno_vi_multera_-251867069/?ref=RHPPLF-BH-I251880435-C8-P3-S1.8-T1&refresh_ce)

<sup>12</sup> <https://www.bmfsfj.de/bmfsfj/aktuelles/presse/pressemitteilungen/bundesministerin-giffey-verabredet-mit-den-bundeslaendern-konkrete-hilfsmassnahmen-fuer-frauen-in-der-corona-krise/154100>

<sup>13</sup> <https://www.frauenring.at/opferschutz-corona-krise-ausgebaut>

<sup>14</sup> <https://www.cig.gov.pt/2020/03/covid-19-novo-email-apoio-na-area-da-violencia-domestica/>

<sup>15</sup> <https://orf.at/stories/3157761/>

<sup>16</sup> <https://www.nbcnews.com/news/world/european-countries-develop-new-ways-tackle-domestic-violence-during-coronavirus-n1174301>

jgħaddu ż-żmien ta' kwarantina fis-sigurtà<sup>17</sup>. Fi Spanja, sar disponibbli spazju ġdid għaċ-ċentri ta' akkoljenza ta' emerġenza b'reazzjoni għall-kriżi. Fil-Ġermanja, l-awtoritajiet huma mħeġġa jsibu soluzzjonijiet prammatiċi għal skarsezzi f'ċentri ta' akkoljenza relatati mal-COVID-19, bħall-kiri għal żmien qasir ta' lukandi u appartamenti għall-btajjel.

### **Żieda f'ċerti forom ta' kriminalità matul is-sitwazzjoni pandemika - iċ-ċiberkriminalità u r-reati ta' mibegħda**

Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu partikolarment viġilanti wkoll għaż-żieda f'ċerti tipi ta' kriminalità matul is-sitwazzjoni pandemika, u jiżguraw li l-vittmi jingħataw appoġġ u protezzjoni.

Skont il-EUROPOL, il-pandemija tal-COVID-19 iġġib magħha opportunitajiet ġodda għall-kriminali biex jabbużaw mill-biżgħat u l-kundizzjonijiet tax-xogħol taċ-ċittadini<sup>18</sup>. L-għadd ta' attakki ċibernetiċi huwa sinifikanti u mistenni li jżied aktar. Peress li ħafna nies qed jagħmlu telexogħol mid-dar, l-opportunitajiet għall-kriminali ċibernetiċi li jisfruttaw l-opportunitajiet<sup>19</sup> u l-vulnerabbiltajiet immultiplikaw.

L-EUROPOL ħejjiet suġġerimenti ta' prevenzjoni u sensibilizzazzjoni<sup>20</sup> biex tinforma lill-pubbliku dwar kif wieħed jista' jiproteġi ruħu mill-attakki ċibernetiċi. Matul dawn iż-żminijiet ta' żieda fir-riskji, huwa partikolarment importanti li jintuża l-kontroll mill-ġenituri għas-salvagwardja tal-attivitajiet online tat-tfal, l-apparat elettroniku jiġi mħares bil-passwords, bil-PIN jew bl-informazzjoni bijometrika u x-xiri jsir mingħand bejjiegħa online affidabbli (wara li jiġu ċekkjati l-klassifikazzjonijiet individwali).

Aktar informazzjoni dwar kif wieħed jibqa' sikur online: [https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/health/coronavirus-response/digital\\_en](https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/health/coronavirus-response/digital_en).

L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tirrapporta żieda fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE fl-inċidenti ta' raziżmu, ksenofobija u intolleranza mmirati lejn ċerti komunitajiet nazzjonali jew etniċi, li huma marbuta mal-pandemija tal-COVID-19<sup>21</sup>.

L-isforzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-vittmi ta' reati ta' mibegħda jenħtieġ li jkollhom l-għan li jrawmu r-rappurtar ta' reati ta' mibegħda, li jtejbu l-investigazzjoni preċiża tal-motivazzjonijiet ta' preġudizzju u li jipprovdur appoġġ lil dawn il-vittmi.

---

<sup>17</sup> <https://www.nbcnews.com/news/world/european-countries-develop-new-ways-tackle-domestic-violence-during-coronavirus-n1174301>

<sup>18</sup> <https://www.europol.europa.eu/publications-documents/pandemic-profiteering-how-criminals-exploit-covid-19-crisis>.

<sup>19</sup> <https://www.europol.europa.eu/publications-documents/catching-virus-cybercrime-disinformation-and-covid-19-pandemic>.

<sup>20</sup> <https://www.europol.europa.eu/activities-services/public-awareness-and-prevention-guides/make-your-home-cyber-safe-stronghold>.

<sup>21</sup> <https://fra.europa.eu/en/publication/2020/covid19-rights-impact-april-1>